**248. Mozzjoni tal-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, jipproponi:**

Peress illi Malta għandha tirratifika l-ftehim ġdid ta' 'Pjan Kooperattiv' [PECS] mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), li ġie ffirmat nhar il-25 ta' Ottubru 2023, f'Larnaca, Ċipru, liema ftehim ġdid jieħu post il-ftehim oriġinali ta' kooperazzjoni bħala pajjiż osservatur fi ħdan l-istess Aġenzija, li kien iffirmat fl-2012, u liema ftehim, wara żewġ estensjonijiet, issa wasal fi tmiemu, u effettivament skada fi Frar 2024;

Billi l-ftehim il-ġdid ikopri perjodu ta' ħames (5) snin u jassigura li Malta ssaħħaħ u twessa' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni mal-Aġenzija Spazjali Ewropea, kif ukoll mal-Istati Membri u Assoċjati fi ħdan l-Aġenzija, u l-ftehim ta' 'Stat Kooperattiv' mal-Aġenzija Spazjali Ewropea jista' jiġi mġedded għal perjodu ta' ħames (5) snin oħra wara li dan l-istess ftehim għandu jagħlaq f'Diċembru 2028;

Billi l-Gvern ikkommetta nfiq rekord għall-iżvilupp tas-settur spazjali Malti ta' €1.3 miljun permezz tal-Baġit 2024, bil-għan li jitwessgħu u jitjiebu 1-iskemi ta' finanzjament ta' riċerka, żvilupp kummerċjali, l-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa u l-għarfien edukattiv marbuta mas-settur Spazjali, liema inizjattivi u skemi huma offruti permezz ta' dan il-ftehim ġdid mal-Aġenzija Spazjali Ewropea, filwaqt li xprunati u implimentati f'Malta, mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST);

Billi dawn l-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u edukazzjoni fis-settur tal-ispazju għandhom jikkontribwixxu għall-opportunitajiet ġodda ta' xogħol għal gradwati fil-qasam tal-iSTEM;

Billi l-ftehim il-ġdid ser jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' strutturi teknoloġiċi sabiex Malta tkun kompetittiva fuq livell internazzjonali;

Billi permezz ta' dan il-ftehim ta' 'Pjan Kooperattiv', Malta jkollha aċċess u sehem attiv fl-istrutturi amministrattivi u politiċi fi ħdan l-Aġenzija Spazjali Ewropea u mal-Istati Membri u Assoċjati, tkun tista' tibbenefika minn bosta kollaborazzjonijiet ma' pajjiżi aktar żviluppati fil-qasam tal-ispazju;

U peress illi għalhekk huwa fl-aħjar interess ta' Malta li l-Gvern ta' Malta jirratifika l-imsemmi ftehim;

Għaldaqstant issa din il-Kamra tirriżolvi li tawtorizza lill-Gvern ta' Malta sabiex jirratifika dan il-ftehim ta' 'Pjan Kooperativ' mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA).

**06.05.2024**